**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT**

**DOTT. CONSUELO SCERRI HERRERRA LL.D. Dip. Matr. (Can.)**

**Rikors Numru: 268/15 CSH**

**Burmarrad Commercials Ltd. (C13537)**

**Vs**

**GL Trading Limited (C35963)**

**Illum 24 ta' Mejju, 2016.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat minn Burmarrad Commercials Ltd. (C13537) fir-Registru ta' din il-Qorti nhar l-10 ta' Settembru, 2015 fejn l-istess socjeta' attrici talbet lil din il-Qorti tikkundanna lil GL Trading Limited (C35963):

> Thallasha s-somma ta' tlett elef, hames mija u sitta u tmenin Ewro u tmienja u tmenin centezmu (€3586.88) inkluza VAT rapprezentanti din is-somma valur komplessiv ta' diversi fatturi mahruga lilha in segwitu' ghall-*vehicle lease agreement* konkluz bejn il-kontendenti u in konnessjoni mal-istess.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru ntavolat kontestwalment ma' din il-kawza u bl-imghax mid-data ta' kull fattura individwali, sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-kumpanija konvenuta, li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat illi s-socjeta' konvenuta kienet debitament notifikata skond riferta posittiva tal-Marixxal Eugenio Mallia datata 25 ta' Jannar 2016, fejn thalliet kopja tal-avviz fil-Kunsill Lokali w fl-ghassa tal-pulizija ta' Birkirkara kif ukoll fl-indirizz tas-socjeta' konvenuta moghti fl-avviz (fol.10 tergo).

Illi l-istess socjeta' konvenuta giet notifikata b'din il-kawza wkoll permezz t'avviz li deher fil-Gazzetta tal-Gvern nhar is-27 ta' April 2016 (fol. 15) u fil-gazzetta lokali The Times of Malta datata 3 ta' Mejju 2016 (fol. 13).

Illi fis-seduta tas-sbatax (17) ta' Mejju 2016, is-socjeta' attrici pprezentat kapitolu fil-konfront tas-socjeta' konvenuta.

Rat illi fis-seduta tal-24 ta' Mejju 2016 is-socjeta' konvenuta giet imsejha izda ma dehritx, la biex tikkontesta t-talba attrici u lanqas biex tirrispondi ghad-domandi 'n subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-Avukat difensur tas-socjeta' attrici jghid li d-debitu ghadu dovut, issib li t-talba tal-istess socjeta' attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qeghda tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett elef, hames mija w sitta w tmenin Ewro w tmienja w tmenin centezmu (€3586.88) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz.**

**Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru ntavolat kontestwalment ma' din il-kawza u bl-imghax mid-data ta' kull fattura individwali, sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-kumpanija konvenuta.**

Consuelo Scerri Herrera LL.D.

Magristrat

Marbeck Spiteri

Deputat Registratur